

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 519/2007

tas-7 ta' Mejju 2007

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 527/2003 li jawtorizza l-offerta u l-konsenja għall-konsum dirett uman ta' ċerti nbejjed importati mill-Arġentina li setgħu għaddew minn proċess enoloġiku li ma hemmx provvediment dwaru fir-Regolament (KE) Nru 1493/1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

li jiġi konkluż ftehim dwar il-kummerċ ta' l-inbid. Dawn in-negozjati jikkonċernaw b'mod partikolari l-prattiċi enoloġiċi rispettivi taż-żewġ partijiet, kif ukoll il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 45(2) tiegħu,

- (4) Fl-istennija tad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim bejn il-Komunità u l-Mercosur dwar il-kummerċ fl-inbid li jirrikonoxxi reċiprokament il-prattiċi enoloġiċi ta' kull parti u b'hekk jiffaċilita l-importazzjoni fil-Komunità ta' nbejjed li joriġinaw mill-Arġentina li jkunu setgħu ġew miżjuda bl-aċidu maliku, jeħtieġ li l-awtorizzazzjoni tat-trattament imsemmi għall-inbejjed Argentinini tiġi estiża sad-dħul fis-seħħ imsemmi iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 527/2003 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq,

- (1) B'deroga mill-Artikolu 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 527/2003 ⁽²⁾ jawtorizza l-importazzjoni fil-Komunità ta' nbejjed prodotti fl-Arġentina li jkunu għaddew minn prattiċi enoloġiċi li ma hemmx provvediment dwarhom fir-regoli Komunitarji, partikolarment iż-żieda ta' l-aċidu maliku. Din l-awtorizzazzjoni skadiet fil-31 ta' Diċembru 2006.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 527/2003, id-data "il-31 ta' Diċembru 2006" għandha tinbidel bid-data "il-31 ta' Diċembru 2008".

- (2) L-użu ta' l-aċidu maliku huwa prattika enoloġika approvata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dwieli u l-Inbid.

Artikolu 2

- (3) Bħalissa għadhom għaddejnin negozjati bejn il-Komunità u l-Mercosur, li tiegħu l-Arġentina hija membru, bil-għan

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 78, 25.3.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1912/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 1).

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament huwa obligatorju fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER
